MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 68/2006

**Vincent Calleja ghan-nom ta’ A.C. Calleja Bros Ltd.**

**Vs**

**C. Fino & Sons Limited (C-2468)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Vincent Calleja ghan-nom tas-socjetà A.C. Calleja Bros Ltd. permezz ta’ liema jitlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjetà minnu rapprezentata s-somma ta’ elf hames mija wiehed u sebghin Lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,571.25), illum ekwivalenti ghal €3,660.02, rapprezentanti bilanc tal-prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjetà konvenuta u kif originarjament pattwit maghha, bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali bin-Numru 11401/05, kontra s-socjetà konvenuta;

Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema teccepixxi li: (i) preliminarjament it-talba attrici ghall-hlas ta' diversi fatturi li komplessivament jammontaw ghal Lm1,097 (illum ekwivalenti ghal €2,555.32) hija preskritta bid-dekors ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana billi ghaddew aktar minn hames snin mid-dati tal-fatturi; (ii) it-talba ghall-hlas ta' diversi fatturi li komplessivament jammontaw ghal Lm232.25 (illum ekwivalenti ghal €540.99) hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana peress li tali bilanc minn diversi fatturi qatt ma kien dovut u fi kwalunkwe kaz l-azzjoni ghall-hlas ta' dan l-ammont hija preskritta bid-dekors ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-fatturi; u (iii) it-talba ghall-hlas ghall-fatturi li jgibu n-numri 3841 u 13806 hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi tali ammont mhux dovut;

Rat ir-Risposta ulterjuri tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema teccepixxi li ma hijiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

Semghet ix-xhieda moghtija minn Vincent Calleja waqt is-seduti tal-21 ta' Novembru 2006[1] u tas-26 ta' Jannar 2010[2] u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2006 a fol. 13 sa' 56 tal-process u esebiti mill-gdid f'forma aktar legibbli fis-16 ta' Frar 2010 a fol. 87 sa' 128 tal-process u semghet ix-xhieda moghtija minn Dr. Claudette Fenech in rapprezentanza ta' l-MFSA waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2009[3];

Rat id-dikjarazzjoni da parte tad-difensur tas-socjetà konvenuta li isem is-socjetà konvenuta huwa C. Fino & Sons Limited;

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-attur nomine fit-8 ta' Novembru 2010 permezz ta' liema jitlob korrezzjoni fir-Rikors promotur fis-sens li quddiem "Fino & Sons Limited" tizdied l-ittra "C" biex isem is-socjetà bin-Numru tar-

---

1 Fol. 10 sa' 12 tal-process.
2 Fol. 82 sa' 85 tal-process.
3 Fol. 77 tal-process.

Registrazzjoni C-2468, konvenuta f'dawn il-proceduri, ikun komplut u jigi jaqra "C. Fino & Sons Limited";

Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta fejn osservat illi *skond il-verbal tat-28 ta' Gunju 2010, il-kawza thalliet ghas-sentenza finali u mhux ghas-sentenza in parte fuq l-eccezzjoni preliminari* u li *fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2010 gie verbalizzat hekk fost l-ohrajn: Dr. Caruana jiddikjara illi isem is-socjetà konvenuta huwa C. Fino & Sons Ltd"*;

Rat li r-Rikors ipprezentat mill-attur nomine fit-8 ta' Novembru 2010 ghandu jigi degretat fis-sentenza li ser tinghata dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta, ossia f'din is-sentenza;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

B'din is-sentenza qed tigi deciza l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta li ma hijiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri ghall-kundanna ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,571.25 (ekwivalenti ghal €3,660.02) rapprezentanti bilanc mill-prezz ta' merkanzija li skond is-socjetà A.C. Calleja Bros Ltd. giet minnha mibjugha u konsenjata lis-socjetà konvenuta. Madanakollu però qabel ma tigi indirizzata din il-kwistjoni jehtieg li jigi indirizzat ir-Rikors ipprezentat mill-attur nomine fit-8 ta' Novembru 2010, fejn jitlob korrezzjoni f'isem is-socjetà konvenuta fis-sens illi tizdied l-ittra "C" qabel il-kliem "Fino & Sons Limited" biex isem is-socjetà konvenuta jigi jaqra "C. Fino & Sons Limited", kif ukoll, ghal kull buon fini, li tigi indirizzata osservazzjoni avvanzata mis-socjetà konvenuta fir-Risposta taghha ghall-imsemmi Rikors ta' l-attur nomine, u cioè li l-kawza thalliet ghas-sentenza finali u mhux ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata minnha.

Din l-osservazzjoni tas-socjetà konvenuta ma hijiex korretta u l-kawza effettivament thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri minnha sollevata bir-Risposta Ulterjuri taghha tas-16 ta' Ottubru 2007. Dan jirrizulta b'mod car mill-andament tal-kawza in segwitu ghas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2006[4], fejn l-attur nomine ddikjara li ma kellux iktar provi dwar il-mertu tal-kawza.

In effetti fit-28 ta' Mejju 2007 id-difensur tas-socjetà konvenuta nforma lill-Qorti li is-socjetà konvenuta kienet se titlob l-awtorizzazzjoni biex tressaq eccezzjoni ulterjuri ghaliex *skond l-istatements esebiti u x-xhieda ta' Vincent Calleja, l-indirizz u l-isem tal-konvenut huwa moghti bhala "Fino Mobili" Industrial Estate, Notabile Road, Imriehel u mhux kif intestat fl-occhio*. Bhala fatt fis-17 ta' Awissu 2007 is-socjetà konvenuta pprezentat Rikors fejn tablet lill-Qorti tammetti l-eccezzjoni ulterjuri taghha li mhijiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u dana peress illi mix-xhieda moghtija minn Vincent Calleja rrizulta li l-istatements dejjem kienu indirizzati lil Fino Mobili u mhux lilha. B'Digriet datat 18 ta' Settembru 2007, it-talba tas-socjetà konvenuta giet milqugha u giet awtorizzata tressaq l-eccezzjoni ulterjuri taghha, liema eccezzjoni giet ipprezentata b'mod formali b'Risposta Ulterjuri ipprezentata fis-16 ta' Ottubru 2007.

Waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2007, ossia l-ewwel seduta wara li giet ipprezentata b'mod formali l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjetà konvenuta, il-kawza giet differita ghall-4 ta' Marzu 2008 fil-11:30a.m. **ghal provi dwar l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjetà konvenuta**. Waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2008 id-difensur tas-socjetà konvenuta ddikjara li **ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni ulterjuri minnha sollevata kien qed jirrimetti ruhu ghall-provi u talab zmien biex iressaq Nota ta' Sottomissjonijiet** u l-kawza thalliet ghall-prezentata ta' tali Nota ghas-27 ta' Mejju 2008. Fil-frattemp però, u senjatament fis-17 ta' Marzu 2008, l-attur nomine pprezenta Rikors fejn filwaqt li ddikjara li kellu **provi x'jressaq dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-**

[4] Fol. 57 tal-process.

**socjetà konvenuta** talab l-awtorizzazzjoni biex iressaq bhala xhud rapprezentant ta’ l-MFSA sabiex jixhed dwar “Fino Mobili”. It-talba ta’ l-attur nomine giet milqugha fid-19 ta’ Jannar 2009 u fis-7 ta’ Mejju 2009 xehdet Dr. Claudette Fenech in rapprezentanza ta’ l-MFSA. Dakinhar il-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni tal-provi ta’ l-attur nomine, li fl-1 ta’ Dicembru 2009 talab differiment ulterjuri **biex jaghlaq il-provi tieghu dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta**.

Waqt is-seduta tas-26 ta’ Jannar 2010 xehed Vincent Calleja u l-kawza thalliet ghas-16 ta’ Frar 2010 biex **l-attur nomine jaghlaq il-provi tieghu dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta** u sabiex is-socjetà konvenuta tikkjarifika r-relazzjoni li hemm bejn C. Fino & Sons Limited u Fino & Sons Limited. Waqt is-16 ta’ Frar 2010 il-partijiet kontendenti ddikjaraw li, salv ghall-kjarifika da parte tas-socjetà konvenuta dwar il-konnessjoni bejn C. Fino & Sons Limited u Fino & Sons Limited li kellha ssir permezz ta’ Nota, **ma kellhomx iktar provi x’jressqu u l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali**.

Fid-dawl ta’ l-andament tas-seduti sa’ dakinhar tas-16 ta’ Frar 2010, ma ghandux ikun hemm dubju li l-provi li ghalihom kienu qed jaghmlu referenza l-partijiet kontendenti kienu l-provi dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta – li del resto kienet l-unika eccezzjoni trattata sa’ dak l-istadju tal-proceduri – u naturalment il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali dwar din l-istess eccezzjoni. Bl-istess mod meta waqt is-seduta tat-28 ta’ Gunju 2010 il-partijiet kontendenti talbu l-kawza tithalla ghas-sentenza, l-intenzjoni taghhom ma setghetx tkun ghajr dik li l-kawza tithalla ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta u mhux dwar il-mertu wkoll, partikolarment meta oltre li ma jidhirx li s-socjetà konvenuta ressqet provi dwar l-eccezzjonijiet originali minnha sollevati, l-ebda wiehed mill-partijiet kontendenti ma tratta dwar il-mertu ta’ l-azzjoni fid-dawl ta’ l-eccezzjonijiet originali sollevati mis-socjetà konvenuta.

B'hekk l-unika decizjoni li ghandha u tista' tinghata f'dan l-istadju tal-proceduri hija dik dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta.

Stabbilit dan il-punt jehtieg issa tigi indirizzata t-talba avvanzata mill-attur nomine bir-Rikorsipprezentat fit-8 ta' Novembru 2010, ghall-korrezzjoni fl-isem tas-socjetà konvenuta fis-sens illi quddiem il-kliem "Fino & Sons Limited" tizdied l-ittra "C" biex isem is-socjetà konvenuta jigi jaqra "C. Fino & Sons Limited". L-attur nomine jibbaza t-talba tieghu fuq il-premessa li *l-esponenti kien qed jezamina l-atti tal-kawza u nnota li d-ditta b'responsabilità limitata Numru C-2468 konvenuta f'din il-kawza fil-fatt hija "C. Fino & Sons Limited". Illi l-esponenti qed jirrizultalu li minkejja li semma n-numru tal-kumpanija, mill-isem thalliet barra bi zvista l-ittra "C" biex l-isem ikun "C. Fino & Sons Limited".* In Risposta ghal din it-talba s-socjetà konvenuta semplicement osservat li *fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2010 gie verbalizzat hekk fost l-ohrajn: "Dr. Caruana jiddikjara illi isem is-socjetà konvenuta huwa C. Fino & Sons Ltd."*

Ai termini ta' l-Artikolu 175(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta *l-qorti tista', f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta' wahda mill-partijiet, wara li tisma' meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza*.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Salem Nuri Razzewi v. Il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, Appell Civili Nru. 55/89** pronuncjata fis-27 ta' Frar 2004, l-Artikolu 175(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta *jidher li ghandu l-iskop li jissalvagwardja l-validità ta' l-atti gudizzjarji u b'hekk jwarrab il-possibilità ta' moltiplikazzjoni ta' proceduri minhabba dikjarazzjoni tan-*

*nullità ta' dawk l-atti. Jidher ukoll li, b'dan l-artikolu, il-legislatur ta poteri wisghin hafna lill-qrati billi l-artikolu jikkontempla kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni fl-att*[5]*. Din id-diskrezzjoni, in oltre, tista' tigi ezercitata minghajr il-htiega li tinstema' l-parti kuntrarja jekk il-Qorti thoss li tali intervent ma jkunx la mehtieg u lanqas necessarju. L-unika kwalifika li jimponi l-artikolu citat hija dik li kull 'sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza'*[6]*.*

Fil-fehma tal-Qorti z-zieda mitluba mill-attur nomine, ossia z-zieda ta' l-ittra "C" quddiem il-kliem "Fino & Sons Limited" biex isem is-socjetà konvenuta jigi jaqra "C. Fino & Sons Limited", certament ma tbiddilx fis-sustanza l-azzjoni istitwita mill-istess attur nomine kontra s-socjetà konvenuta li hi u tibqa' azzjoni ghall-hlas ta' kreditu. Lanqas ma tbiddel fis-sustanza l-eccezjonijiet originali sollevati mis-socjetà konvenuta li huma essenzjalment ibbazati fuq il-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u fuq l-allegazzjoni li whud mill-ammonti pretizi ma humiex dovuti.

Din iz-zieda u konsegwenti korrezzjoni lanqas ma teffettwa fis-sustanza l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta. In effetti jigi osservat li ghalkemm l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjetà konvenuta hi fis-sens li hi ma hijiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, din l-eccezzjoni ma hijiex ibbazata fuq u marbuta mal-fatt li giet imharrka bhala "Fino & Sons Limited" u mhux bhala "C. Fino & Sons Limited", izda hija bbazata fuq u marbuta ma' dak li irrizulta mix-xhieda ta' l-attur nomine u mid-dokumenti minnu esebiti, u cioè li l-istatements ghall-ammont komplessiv pretiz mis-socjetà A.C. Calleja Bros Ltd. dejjem gew indirizzati lil "Fino Mobili" u mhux lis-socjetà konvenuta.

Ladarba din iz-zieda u konsegwenti korrezzjoni f'isem is-socjetà konvenuta ma teffettwax fis-sustanza l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess socjetà, inkluza wkoll l-

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[6] Sottolinear ta' din il-Qorti.

eccezzjoni ulterjuri, il-Qorti hi tal-fehma li ma hemmx il-htiega ta’ notifika mill-gdid tar-Rikors promotur kif korrett lis-socjetà konvenuta qabel ma tigi pronuncjata s-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata minnha[7]. Ghaldaqstant filwaqt li ghandha tawtorizza z-zieda mitluba u tordna l-korrezzjoni relattiva fir-Rikors promotur u kull fejn mehtieg fl-atti ta’ dawn il-proceduri, il-Qorti ghandha tipprocedi biex tippronunzja ruhha dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta.

Sorvolata din il-kwistjoni jehtieg issa li tigi trattata l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta in segwitu ghal dak li rrizulta mix-xhieda ta’ Vincent Calleja moghtija waqt is-seduta tal-21 ta’ Novembru 2006 u mid-dokumenti minnu esebiti.

Fix-xhieda tieghu Vincent Calleja jispiega li *fi zmien illi s-socjetà konvenuta kienet qed tibni s-showroom gdid taghha fl-Imriehel, parti mill-fabbrika taghha giet invertita f’showroom u s-Sur Fino kien talabni sabiex nipprovdi kwantità kbira ta’ saqqijiet biex ipoggihom fis-showroom tal-fabbrika. Dawn gew ipprovduti u s-Sur Fino qalli biex il-kont taghhom naghmlu separat, halli meta jitlesta s-showroom jkun jista’ jqeghdom fil-post il-gdid. Fuq din il-bicca xoghol l-aktar persuna li kienet inkarigata kienet Ruth Fino, li hija t-tifla ta’ wiehed mid-Diretturi*. *Sadanittant ahna komplejna nikkumercjaw u ahna nipprovdu l-merkanzija, li s-socjetà konvenuta thallas, però dan il-kont tas-saqqijiet baqa’ pendenti. Kull darba illi jiena nitkellem ma xi hadd mis-socjetà konvenuta dwar dan il-kont, dejjem jghidli biex nibghat l-invoices. Kull darba illi jinbidel l-Accountant, u mas-socjetà konvenuta dan kien ikun ta’ spiss, dejjem irid nerga’ nibda l-istorja mill-gdid. Sakemm fl-ahhar, imbaghad kellimt lill-Avukat u dan qalli biex ninkludi dan il-kont ma’ xoghol iehor penenti illi kelli mas-socjetà konvenuta. … Nesebixxi statement ta’ kif wasalt fl-ammont mitlub fl-avviz. F’dan l-istatement hemm ukoll il-pagamenti maghmula mis-socjetà konvenuta. Minn barra l-istatement hemm ukoll il-fatturi li jidhru fl-istess statement u kopji ta’ korrispondenza illi giet skambjata*

[7] Avukat Edward Woods noe v. Godwin Abela et noe, Citaz. Nru. 458/87 deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Gunju 2004.

*bejnietna. Jiena ma nafx il-ghala s-socjetà konvenuta ma hallsitnix. Qatt ma gejt moghti raguni. Dan minkejja t-telefonati, jew inkella l-ittri li kont nikteb. Kull meta kellimthom dejjem qaluli issa niccekjaw, però bqajt dejjem ma niehu risposta definittiva. Naghmel referenza ghad-dokument VC4 u hemmhekk tidher il-partita tas-saqqijiet illi konna baghtna fis-showroom tal-fabbrika, lib bid ic-cifra 1097, fid-data 31 ta' Mejju 1999.*

In kontro-ezami huwa qal ukoll li *nikkonferma illi l-istatement, document VC4, dejjem intbaghat kif indirizzat lil Fino Mobili, Industrial Estate, Notabile Road, Imriehel*[8]. Huwa fuq din id-dikjarazzjoni li s-socjetà konvenuta tibbaza l-eccezzjoni ulterjuri taghha li ma hijiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo noe v. Jason Azzopardi et, Citaz. Nru. 1365/92** pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001, inghad illi *biex il-Qorti tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu jwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi … illi l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma pro et noe v. Emanuel Grixti, Appell Civili Nru. 506/03** pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Jannar

[8] Sottolinear tal-Qorti.

2007, inghad illi *b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu id-dritt jippretendi l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha.*

Meta x-xhieda ta' Vincent Calleja u d-dokumenti minnu esebiti jigu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-principji guridici jirrizulta b'mod car li l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjetà konvenuta ma hijiex fondata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Huwa minnu li l-*istatement of account* esebit mill-attur nomine bhala Dok. VC4 a fol. 46 *et sequitur* tal-process huwa intestat "Fino Mobili" u huwa daqstant iehor minnu li Vincent Calleja xehed illi tul is-snin l-istatements dejjem intbaghtu kif indirizzati "Fino Mobili", Industrial Estate, Imriehel, izda b'daqshekk ma jfissirx li bejn is-socjetà A.C. Calleja Bros Ltd. u s-socjetà konvenuta ma hemmx relazzjoni guridika. Minn dokumentazzjoni ohra pprezentata mill-attur nomine – senjatament minn *purchase orders*, *delivery notes* u fatturi – u li fil-fehma tal-Qorti hija iktar determinati minn *statement of account* biex jigi stabbilit jekk hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjetà A.C. Calleja Bros Ltd. u s-socjetà konvenuta, jirrizulta li l-ordnijiet kienu jsiru minn, jigu konsenjati u l-hlas addebitat lil C. Fino & Sons Limited, ossia lis-socjetà konvenuta.

Minn din id-dokumentazzjoni johrog ferm car li s-socjetà konvenuta kienet materjalment parti fin-negozju li holoq ir-rapport guridiku mas-socjetà A.C. Calleja Bros Ltd. u ghaldaqstant kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà konvenuta, giet gustament citata mill-attur nomine f'dawn il-proceduri. Naturalment però, kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell fil-precitata sentenza **Refalo noe v. Azzopardi et**, din il-konkluzjoni bl-ebda mod ma tfisser li s-socjetà konvenuta finalment ser tkun responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, stante li tali kwistjoni tista'

tigi determinata biss meta jigi trattat il-meritu ta’ l-azzjoni attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti:

1. Tilqa’ t-talba ta’ l-attur nomine avvanzata bir-Rikorsipprezentat fit-8 ta’ Novembru 2010 u tawtorizza z-zieda ta’ l-ittra “C” quddiem il-kliem “Fino & Sons Limited” biex isem is-socjetà konvenuta jigi jaqra “C. Fino & Sons Limited”, u tornda l-korrezzjoni relattiva kemm fir-Rikors promotur kif ukoll kull fejn mehtieg fl-atti ta’ dawn il-proceduri; u
2. Tichad l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez relattivi ghall-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjetà konvenuta u ghal din is-sentenza ghandhom jigu sopportati mis-socjetà konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------